**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-18 ta' Jannar, 2019**

**Talba Numru: 182/2017 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 21**

**GasanMamo Insurance Limited (C-3134) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Madeleine Borg Muscat (KI 149764M )-sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Madeleine Borg Muscat**

**Vs**

**Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**
**Roads and Infrastructure Directorate**
**Triq Agius De Soldanis**
**Santa Venera**
**Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**
**Triq Hal Qormi**
**Hal Luqa LQA 9043**

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba prezentat mis-socjeta' attrici fis-06 ta' April, 2017 li permezz tieghu talbet li l-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u tlett ewro u tmienja u ghoxrin ewro centezmi (€703.28c)

rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' hamsa u hamsin ewro (€55) l-excess payment li l-attrici, Madeleine Borg Muscat hallset in konnessjoni ma' dan il-kas in kwantu ghas-somma ta' sitt mija tmienja u erbghin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€648.28c) rapprezentanti d-danni kollha sofferti bhala rizultat ta' dan l-incident illi ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva; li tali talba qed issir stante li s-socjeta' attrici kienet harget polza tal-assigurazzjoni tat-tip comprehensive fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBM-211 di proprjeta' tal-assikurata tas-socjeta' attrici, Madeleine Borg Muscat; li l-vettura tal-atturi kienet misjuqa mill-assikurata tas-socjeta' attrici, Madeleine Borg Muscat, soffriet danni in segwitu ta' incident awtomobilistiku li sehh fl-10 ta' Dicembru, 2014 fi Triq il-Wied tal-Imsida, Msida wara li l-vettura in kwistjoni waqghet go hofra fonda u skabruza li thalliet fuq wicc it-triq in kwistjoni minghajr dawl jew senjalagg adekwati; li tali danni rrizultaw unikament tort tal-intimati jew min minnhom u minhabba traskuragni, imperizja u negligenza da parti taghhom jew minn minnhom hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazjoni ta' din il-kawza.

Ra r-risposta tal-Awtorita' konvenuta (fol 8) li permezz taghha eccepiet li hija mhijiex legittima kontradittrici stante li t-triq fejn sehh l-allegat incident ma taqax taht il-kompetenza taghha; li minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' tirrispingi l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet migjuba kontra taghha bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt; li minghajr pregudizzju ghas-suespost jinkombi fuq ir-rikorrenti li jaghmlu prova tad-danni allegati u konsegwentement, id-danni reklamati qed jigu kkontestati.

Il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma ghalkemm giet debitament notifikata fit-13 ta' April, 2017 baqghet ma pprezentat ebda risposta u ghalhekk hija kontumaci f'dawn il-proceduri.

A fol 12 et xehdet Magdalene Borg Muscat li spjegat kif gara l-incident – li kienet qeghda l-Blue Cross vet clinic li tinsab gewwa Valley Road l-Imsida u kienet sejra d-dar tas-Sliema. Kien xita qliel dakinhar tal-10 ta' Dicembru, 2014 u kienet qed issuq il-vettura DBM-211. Kif kienet sejra lejn Regional Road, u ghaddejja minn Valley Road fuq ix-xellug t-triq tkun kompletament 'flooded' u kulhadd jigbed naqra lejn n-nofs tat-triq. Fil-pront rat vettura gejja minn faccata ddoqq biex tersaq mal-genb u kif ghamlet hekk hasset tisbita kbira, nizlet l'isfel u l-karozza irkuprat u kompliet sejra. Kif qabdet it-telgha ta' Regional Road f'daqqa wahda l-karozza hasset li semghat li kellha flat u waqfet

mal-genb. Hija hasbet li kellha flat tyre biss izda meta haditha ghand il-mechanic skoprew li kisret is-suspension u l-wheel rim kienet mghatna wkoll.

L-ghada marret u hadet ir-ritratti tal-post fejn hasset it-tisbita fil-karozza u jidher car li kien hemm manhole u l-parti tat-triq ta' madwar il-manhole kienet kollha ikkrekkjata. Hija kkonfermat li kienet inxurjata mas-socjeta' attrici u li hallset l-excess fis-somma ta' hamsa u hamsin ewro (€55).

Fis-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2017 xehed Malcolm Aquilina li pprezenta diversi dokumenti fosthom Dok MA6 a fol 37 ittra minn Transport Malta li s-socjeta' attrici tinfurmaha li Valley Road l-Imsida taqa' taht ir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali, Msida u mhux taghha.

PC 913 Gilmore Bugeja pprezenta r-rapport tal-pulizija dwar l-incident (fol 43 et).

A fol 48 et xehed Nicholas Baldacchino in rapprezentanza tal-Awtorita' konvenuta li Triq il-Wied l-Imsida parti taq' that il-Kunsill Lokali tal-Imsida, parti that il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u parti ohra taht l-Awtorita' ghal Trasport f'Malta. Meta mistoqsi biex jghid il-parti tat-triq fejn gara l-incident taht min taqa' huwa wiegeb li difficli tkun taf u wiehed li jibghat field officer biex jiccekja.

Meta rega xehed fol 80 et Nicholas Baldacchino spjega li fejn gara l-incident jaqa' taht il-Kunsill Lokali tal-Imsida u dan wara li huwa baghat field officer fuq il-post tal-incident. Il-parti fejn gara l-incident huwa parti tal-Imsida u li meta wera r-ritratti tal-post tal-incident lill-field officer huwa mal-ewwel qallu li jaf b'din l-manhole u li rrapurtaha diversi drabi lil Water Services Corporation u li minn l-incident l'hawn din il-manhole inbidlet minn l-istess Korporazzjoni. Huwa pprezenta e-mails li juru dan. Huwa kkonferma li din hija tappiera tad-drenagg u ghalhekk taqa' taht il-kompetenza totali tal-Water Services Corporation.

In kontro ezami (fol 85 et) Baldacchino huwa rega kkonferma dak li kien xehed dwaru u esebixxa Dok NBX 1 a fol 88 sabiex juri li t-toroq mmarkati bl-ahmar huma arterjali u distributorji li jaqghu taht ir-responsabilita' tal-Awtorita konvenuta.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Semgha t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra

Li ma hemmx kontestazzjoni li dakinhar tal-incident kienet ix-xita u li d-danni fil-vettura in kwistjoni gew kawzati minn manhole jew spiera tad-drenagg gewwa Triq il-Wied l-Imsida fil-parti li taghmel mal-Kunsill Lokali, Msida. Lanqas hemm kontestazzjoni dwar d-danni involuti difatti a fol 46 l-avukat tal-Awtorita' konvenuta ddikjara li mhix tikkontesta l-kwantum tad-danni.

Il-Korporazzjoni tal-Ilma hija kontumaci.

Il-kontestazzjoni hija dwar min hu responsabbli ghal dawn id-danni. L-Awtorita' tghid li l-ispiera hija responsabilita' tal-Korporazzjoni tal-Ilma filwaqt li l-Korporazzjoni fit-trattazzjoni tghid li ma saret ebda prova li hija responsabbli ghal dawn id-danni. Dwar l-e-mails prezentati mill-Awtorita li juru li l-ispiera inbidlet mill-Korporazzjoni, l-Korporazzjoni tghid li dan gara xi tlett snin wara l-incident. L-Korporazzjoni ghamlet ukoll referenza ghal-Artikolu 21(2) u (3) tal-Kap 355 biex tissostanzja l-argument taghha li ma ghandhiex tinstab htija fil-konfront taghha.

Konsiderazzjonijiet legali

Art 1030 Kod Civ *"kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dak l-uzu".*

Meta jsir xi xoghol ta' kostruzzjoni f'post vicin u in konsegwenza l-fond adjacenti jsofri xi dannu l-fatt biss li sar dak ix-xoghol fil-post vicin mhux bizzejjed biex sid il-post jigi ritenut responsabbli ghad-dannu in konfront tas-sid tal-post l-iehor. Din il-persuna tista' tigi ritenuta responsabbli ghad-danni kwante volte din kellha xi htija. **Dottor John Cesareo MD et vs Francesco Sciberras et 23/1/1980.**

Inversament skont l-Art 1031 *"Kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu"* u allura kif ritenut gar ma jistax jehles mir-responsabilita' li jnehhi l-kawza ta' hsarat fil-fond tieghu anke jekk ghal tali hsarat jkun qed jikkontribwixxi l-fatt ta' haddiehor. **(Gatt Henry vs Camilleri Charles Prim'Awla per Sciberras 28/1/04).**

Art 1032 jistipula: *"Jitqies fi htija kull min fl-eghmil tighu ma juzax il-prudenza d-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja".*

Gie ritenut li biex iwaqqa' l-presunzjoni tal-htija l-konvenut ghandu jipprova l-konkors ta' zewg cirkostanzi:

a) l-accident jew il-fortuwitu bhala kawza ta' hsara; u b) n-nuqqas ta' htija da parti tieghu bhala kawza medjata u mmedjata tal-hsara. **(App Inf per Sciberras 23/6/04 Vella Giovanni et vs Cilia Michael)** sentenza parzjali.

Huwa principju pacfiikament ricevut f'materja ta' danni li "biex ikun hemm lok ghar-responsabilita' tad-danni hemm bzonn li min jitlobhom jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza imma li dak l-att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferit (Kollez XXX Vol. pIII p 142).

Jinhtieg li jigi provat li l-konvenut kolpozament u negligentement ma hax il-prekawzjonijiet ta' bonus paterfamilias mistennija minnu biex jassigura li ma jigux kawzati d-danni li effettivament graw fil-fondi vicini.

Il-fatt biss tad-dikjarazzjoni jew ammissjoni tar-responsabilita' ghad-danni ma jfissirx ta' bilfors li d-danneggjant ghandu jaghmel tajjeb ghal kull dannu pretiz. Hu pacifiku li l-ligi trid li min ikun responsabbli ghad-danni ghandu jhallas kull dannu li ragonevolment

jitqies bhala konsegwenza diretta tal-fatt illecitu imma mhux aktar minn hekk (Kollez Vol L pl p150).

Illi mill-emails prezentati mill-Awtorita' jirrizulta li kien fuq insistenza tal-Awtorita' li din il-manhole fejn gara dan l-incident inbidlet mill-Korporazzjoni konvenuta u l-fatt li dan gara tlett snin wara l-incident ma jizvestax mir-responsabilita' il-Korporazzjoni konvenuta. L-emails juru l-persistenza tal-Awtorita' biex tinbidel din l-manhole sabiex fol 71 *"it will prevent any hazard to vehicles passing by, mostly during stormy weather."* U l-Inginier Ronald Pace a fol 70 jirrikonixxi li*: "It is quite obvious that such cases (not only there) arise from the enormous amount of rainwater that is somehow diverted into our sewers from private properties (and hopefully not from street culverts) when it should be going onto the streets".*

Dwar l-Artikolu 21(2) u (3) tal-Kap 356 tal-Ligijiet ta' Malta li jirrigwardaw limiti ta' responsabilita' tal-Korporazzjoni tal-Ilma, dawn japplikaw biss meta ma hemmx negligenza da parti tal-Awtorita'.

Issa fil-kaz in ezami gie stabbilit li t-tappieri huma responsabilita' tal-Korporazzjoni tal-Ilma, li hija ma kellhiex stock biex tbiddilhom ghalkemm kienet taf b'dawn il-problemi u l-argument tal-Korporazzjoni li l-Awtorita' gibditilha l-attenzjoni tlett snin wara l-akkadut ma jreggix stante li dejjem il-Korporazzjoni tibqa responsabbli li ticcekja dawn it-tappieri u mhux tistenna li xi hadd jigbdilha l-attenzjoni taghhom. Difatti l-Field Officer tal-Awtorita' kien jaf bil-problema f'dawn it-tappieri u kien gibed l-attenzjoni skont Nicholas Baldacchino lill-istess Awtorita'. Il-Korporazzjoni a fol 19 tirrikonixxi li mindu hadet ir-responsabilita' tad-drenagg hi fis-sena 2003 huma eluf ta' dawn il-manholes li qed jigu sostitwiti.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-Korporazzjoni tal-Ilma biss u jordna lill-istess Koporazzjoni biex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u tmien ewro (€708) u tichadhom fil-konfront tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta .

Kwantu ghal imghaxijiet mitluba mis-socjeta' attrici mid-data tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Gunju, 2016, mill-atti ma jirrzultax li din giet prezentata f'dik id-data (fol 41) u inoltre ebda prova ma ngabet li l-intimati kienu gew notifikati. Ghaldaqstant stante li l-ittra ufficjali ma jirrizultax li giet notifikata lil konvenuti dan it-Tribunal ma jistax jilqa' t-

talba tas-socjeta' attrici sabiex l-imghaxijiet jibdew jghoddu mid-data tal-ittra u ghalhekk qed japplika dak li gie deciz mill-Qorti tal-Appell per Prim Imh Degaetano fil-kawza fl-ismijiet: **Perit Joseph Sultana vs Gaerty Ronald** deciza fl-01 ta' April, 2005 fejn l-Qorti rriteniet li mal-prezentata tal-kawza l-preskrizzjoni tigi interrotta awtomatikament minkejja li l-konvenut jew konvenuti jkunu ghadhom mhux notifikati.

Ghaldaqstant l-imghax legali dan it-Tribunal jordna li jibda jiddekorri mis-06 ta' April, 2017 meta gie prezentat l-Avviz Tat-Talba.

Bl-ispejjez kwantu ghal dawk tal-Awtorita' konvenuta a karigu tas-socjeta' attrici, u dawk ghall-ispejjez l-ohra a karigu tal-Korporazzjoni tal-Ilma.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**